**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Novembru, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru: 392/2024 AF**

**George Gusman, Doris Farrugia u l-istess George Gusman bħala mandatarju tal-assenti Mary Barry, Carmen armla ta' Enzo Gusman, Carmen Woods, Kelly Lorraine Frewen u Nathalie Robson**

**vs**

**Raymond Bianchi, Louis Bianchi u Maria Dolores Bianchi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' George Gusman li permezz tiegħu, wara li ġie premess:

Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond 172 Triq il-Vittorja, Isla liema fond kien ġie mogħti mill-awtur fit-titolu tal-esponenti b'titolu ta' enfitewsi temporanju lil Luigi sive Lewis Busuttil u wara li skada t-terminu din il-konċessjoni ġiet ikkonvertita f'kirja skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-imsemmi Luigi sive Lewis Busuttil miet fit-12 ta' April 2018 u meta l-esponenti għamlu r-riċerki saru jafu li l-intimati qed jokkupaw il-fond inkwistjoni minkejja li huma m'humiex uliedu.

Illi għalhekk l-intimati huma *squatters* u m'għandhomx titolu validu sabiex jirrisjedu fil-fond inkwistjoni.

Illi l-esponenti interpellaw lill-intimati jiżgumbraw mill-fond iżda huma baqgħu inadempjenti.

Illi abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 167 tal-Kap. 12, jiġi ddikjarat li sa fejn jafu huma, il-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talbiet hawn dedotti.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati m'humiex inkwilini tal-fond inkwistjoni u m'għandhom ebda titolu validu li jintitolhom jokkupaw l-istess fond.
ii. Tordna l-iżgumbrament tagħhom fi żmien qasir u perentorju li jiġi hekk lilhom prefiss.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, li qegħdin minn issa jiġu nġunti in subizzjoni, u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

Rat li l-intimati, minkejja li dehru fil-Qorti ma ressqu ebda oppożizzjoni għat-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ġunju 2024 fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti illi l-partijiet waslu għal transazzjoni fis-sens illi l-intimati kellhom jiżgumbraw mill-fond de quo fi żmien erba' xhur.

Rat li, minkejja li t-terminu ta' erba' xhud skada, l-intimati baqgħu ma rrilaxxawx il-proprjeta` u għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tippronunzja s-sentenza.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, peress illi l-provi prodotti mir-rikorrenti ma ġew kontradetti b'ebda mod, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u għall-fini tagħha tipprefiġġi terminu ta' tliet xhur mil-lum.

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-intimati

IMĦALLEF

DEPUTAT REĠISTRATUR